**STQARRIJA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI TAL-PARLAMENT**

**Il-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali jibda jżur entitajiet fil-qasam soċjali, bl-ewwel żjara tkun Dar Gużeppa Debono, Għawdex**

Hekk kif ġie ppjanat il-Pjan ta' Ħidma tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali għall-11-il Leġislatura, ġie deċiż illi l-Membri tal-Kumitat jibdew sensiela ta' laqgħat ma' entitajiet fil-qasam soċjali, barra l-parlament. Dan sabiex il-Membri Parlamentari f'dan il-Kumitat jagħrfu u jirrikonoxxu x-xogħol siewi ta' dawn l-għaqdiet għall-ġid tas-soċjetà Maltija.

L-ewwel żjara tal-Kumitat saret f'Dar Gużeppa Debono, Mġarr, Għawdex. Din id-Dar titmexxa minn ħafna voluntiera professjonisti li jagħtu sapport lill-ommijiet-xebbiet (*single mothers*) u l-familji tagħhom fuq drittijiet, għarfien aħjar tagħhom infushom, jerġgħu jsibu l-kunfidenza u kif isaħħu l-personalità. Dar Ġużeppa Debono nbniet fi żmien fejn l-ommijiet-xebbiet kienu emarġinati mis-soċjetà, mkeċċija mill-familji u kien ikollhom bżonn anki ta' akkomodazzjoni alternattiva.

Illum din l-organizzazzjoni tagħti ħafna importanza lil-laqgħat ta' formazzjoni liż-żagħżagħ, kemm fid-Dar stess u anki fl-iskejjel, fuq il-valur tas-sesswalità, is-saħħa sesswali u l-importanza tal-imħabba, il-fedeltà, il-komunikazzjoni u l-*commitment* bejn il-koppji. Il-voluntiera spjegaw ukoll kif l-is*taff* tal-isptar ta' Għawdex, għaqdiet lokali u professjonisti differenti jinformaw lill-ommijiet-xebbiet bis-servizzi ta' Dar Gużeppa Debono. Dawn l-ommijiet jagħżlu huma u b'mod volontarju li jattendu għal dawn il-laqgħat.

Il-Membri tal-Kumitat iddiskutew l-importanza ta' din l-organizzazzjoni, kemm minn aspett edukattiv, preventiv u soċjali. Is-servizzi jgħinu b'mod prattiku lill-ommijiet fit-trobbija aħjar tat-tarbija, pariri għal saħħitha u dik tat-tarbija, u oħrajn li jnaqqsu r-riskji ta' faqar relattiv, bħal użu tal-flus. Ingħad li l-voluntiera jgħinu wkoll sabiex l-omm u dawk ta' madwarha, inaqqsu x'imġieba ħażina li jista' jkollha effett fuq it-tarbija. Tul il-laqgħa ġie spjegat kif Dar Gużeppa Debono taħdem ma' aġenziji lokali bħall-Appoġġ u oħrajn internazzjonali, u kif għamlet użu wkoll ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Il-Membri ddiskutew fuq l-aħjar metodi ta' komunikazzjoni u programmi ta' *empowerment* għaż-żgħażagħ. Servizz ieħor importanti li toffri din id-Dar huwa dak ta' *foster care*, fejn bi ftehim ma' Appoġġ qed jiġu organizzati korsijiet għall-koppji li jixtiequ jkunu *foster carers*. Dan isir b'rispett sħiħ lejn il-valuri tal-ħajja.

Id-delegazzjoni parlamentari tmexxiet mill-President tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali l-Onor Edwin Vassallo u attendew l-Onor Frederick Azzopardi, l-Onor Justyne Caruana u l-Onor Michael Gonzi. Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sinj Marija Attard, Direttriċi, is-Sinj Marlene Cauchi, *Care Worker*, is-Sinj Nicole Borg, Studenta *Social Worker*, is-Sinj Karen Cordina, studenta MCAST u s-Sinj Anthea Grech, *lecturer life skills*.

**DOI – 06.02.2009**